Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 47/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 28 ta' Mejju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

47.1 Ittri ta' Apoloġija

47.1.1 Il-President semma s-Sur Wayne Aquilina talab li jkun skużat. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li s-sur Aquilina jintiżżel skużat.

47.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.46

47.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 46 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

47.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 41

47.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clive Pulis u s-Sur Jorge Grech ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 t' April 2025 u l-25 ta' Mejju 2025 li kienet tammonta għall-€457,756.92.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

47.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 46

Il-President semma li saret laqgħa fil-preżenza tal-Fondazzjoni Kottonera u anki s-Sur Rupert Cefai li għaliha kienu mistiedna s-Sindki kollha tar-Reġjun imma attendew biss is-Sur Wayne Aquilina, is-Sur Jason Silvio, is-Sur Nigel Holland, is-Sur John Boxall flimkien mal-President u l-amministrazzjoni tar-reġjun.

47.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031

Semma li ingħatat spjega tajba ta' dak li qed isir f' dan l-istadju. Semma li kien hemm qbil li dakinhar ingħatat informazzjoni biżejjed sabiex ir-Reġjun ikun jista' jħallas it-tieni pagament ta' €100,000 lill-Fondazzjoni Kottonera.
Fq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat qabel li jgħaddi l-pagament lill-Fondazzjoni Kottonera.

47.4.2 Immaniġjar tal-Iskart

Il-President semma li jidher li minkejja qed ikun proposta li jinbidel il-ħin ta' skart għal dak ta' matul il-lejl, ir-Reġjun għadu ma ġiex ikkonsultat. Semma li r-reġjun ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli b' survey qasir biex jimtela' kif ukoll ser ikun qed jiltaqa' mal-Kuntrattur u sub-contractors f' dan ir-rigward.
Semma li r-Reġjun ser ikun qed jissottometti l-pożizzjoni tiegħu f' dan ir-rigward f' isem ukoll-il ħdax il-Kunsill Lokali.
Il-President semma li għadd hemm problemi finanzjari sabiex ir-Reġjun ikopri l-ispejjeż kollha tal-ġbir tal-iskart. Dan għaliex tipping fees qed jiżdiedu minħabba l-ammont ta' skart miġbur kif ukoll l-fatturi li l-Wasteserv bagħtet ta' rejects lir-Reġjuni ma ġewx koperti kollha bil-fondi li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għaddiet lir-Reġjuni. Semma li skond l-istess Diviżjoni huma għaddew fondi biss għall-fatturi maħruġa fis-sena 2024, ma jkoprux dawk li ħarġu fis-sena 2023 kif ukoll l-elemnt ta' glass treatment fee. Għaldaqstant ir-Reġjun għandu madwar €75,000 inqas sabiex jonora l-fatturi kollha maħruġa mill-Wasteserv għas-snin 2023 u 2024.

47.4.3 LESA Enforcement Scheme

Il-President semma li fadal €12,000 f' dan il-fond u li l-Kunsilli kellhom jużawhom sal-aħħar ta' Mejju 2025. Huwa fakkar lill-Kunsilli sabiex japplikaw.

47.4.4 Kooperattivi

Il-President semma li kien hemm laqgħa produttiva mas-Sur John Mallia kif ukoll mal-amministrattiv tar-Reġjun sabiex inkomplu nesploraw il-possibbilita' tal-ewwel koperattiva reġjonali.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

47.5 Komunikazzjoni mill-President

47.5.1 Qualification Allowance – Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura	Il-President ressaq għall-approvazzjoni rikjesta mibgħutha mis-Sa. Veronica Mercieca, uffiċjal maniġerjali tal-Kultura sabiex hija tirċievi qualification allowance. Is-Segretarja semmiet li din hija skond il-proċedura u li hija intitolata għal dan l-allowance. Għaldaqstant fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva b' mod unanimu dan l-allowance.
47.5.2 Kunsill Malti għall-Arti – Proġett PGIS	Il-President li r-Reġjun flimkien ma' Reġjun oħrajn iffirma l-MoU mal-Kunsill Malti għall-Arti u li ser ikun qed jipparteċipa fil-proġett PGIS.
47.5.3 European Network of Holy Week and Easter Celebrations	Il-President semma li ntbgħatet ċirkulari sabiex tingħabar l-informazzjoni mill-Kunsilli Lokali sabiex inkunu nistgħu napplikaw.
47.5.4 Tribunali Lokali	Il-President semma li din il-materja qed tiġi diskussa fuq livell ministerjali.
47.5.5 Sekwestru mill-ex Segretarju Eżekuttiv	Il-President semma li din għadna qed nikkomunikaw mal-avukat sabiex il-Qorti tgħaddi l-fondi lir-Reġjun.
47.5.6 Belt Kulturali Ewropea	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jgħati lis-Sindki ftehim mibgħut mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward ir-Reġjun tal-Kultura 2026 kif ukoll semma li r-Reġjun ser ikun qed joħroġ sejħa għall-Direttur Artistiku ibbażata fuq Artistic Merit.
47.5.7 Ittra mill-President lill-Ministru u Segretarju Parlamentari	Il-President semma li huwa bagħat ittra ta' tħassib lill-Ministru kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari wara li kien infurmat li l-ex Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Port kienet qed tkun ikkunsidrata li din terġa tieħu l-iskala li kellha fuq rakomandazzjoni interna b' reazzjoni li din tkeċċiet inġustament. Semma li dan ser ikun ta' preċident għar-Reġjun kif ukoll din id-deċiżjoni qed tmur kontra l-kawżi kollha mitlufa l-Qorti, l-approvazzjoni tal-ex-Direttur Ġenerali kif ukoll l-approvazzjoni tal-Kumitat Reġjonali preċidenti.
47.5.8 Board tal-Intervisti – Segretarju Eżekuttiv	Il-President semma li r-Reġjun kien irċieva żewġ applikazzjonijiet ta' kandidati intressati li jokkupaw l-irwol ta' Segretarju Eżekuttiv. Inġib għall-attenzzjoni linji gwida maħruġa sabiex il-Board tal-Intervisti jkunu membri tar-Reġjun. Ir-Reġjun iddeċieda li l-Membri tal-Board tal-Għażla

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

għandhom jinżammu kif dejjem kienu jiġifieri Sindki Membri tar-Reġjun flimkien ma' persuni professjonali li huma esterni għar-Reġjun.

47.5.9 Approvazzjoni ta' proġetti – Kunsilli Lokali

Il-President ressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat proposta tal-Kunsill Lokali tal-Isla sabiex ir-Reġjun jiffinanza €5,000 sabiex ikopru parti minn spejjeż relatati ma' pubblikazzjoni ta' ktieb dwar l-istorja tal-knisja tal-Isla li ser ikun ippubblikat konġunt bejn il-Kunsill u l-knisja.
Il-President semma li l-Kunsill Lokali Paola ser japplika għat-titlu Town of Sports. Semma li kien hemm proposta sabiex ir-Reġjun jassisti fil-kitba tal-Bid Book. Semma li dan it-titlu u anki l-istudju huwa importanti u huwa parti mill-istudju li jimxi fuq il-viżjoni tar-Reġjun u anki tal-kitba tal-Bid Book għall-Belt Kiturali Ewropea 2031. Għaldaqstant, il-President semma li ser ikun qed jara li l-Fondazzjoni Kottonera tassisti finanzjarjament sabiex il-Kunsill ikun jista' jikteb il-Bid.

47.6 Aġġornament

47.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw għall-nhar it-Tlieta,, 17 ta' Ġunju 2025 fit-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv